**16 ta' Ġunju, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Joseph Attard pro et noe.

*versus*

Anthony Camilleri, O.B.E. noe

**Liġijiet fiskali — Interpretazzjoni — Dritt komun — Dazju — Art. 1017, Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi fiskali, meta hemm dubju, għandha tiġi interpretata b'mod ristrettiv u litterali. Però, meta dina l-interpretazzjoni ssir awtorevolment minn min huwa tenut japlikaha (fil-każ preżenti l-Kontrollur tad-Dwana), mhux aktar il-każ li wieħed għandu jippretendi li dana l-kriterju, la darba aċċettat bil-ħlas tad-dazju, jista' jiġi varjat unilateralment mill-Kontrollur tad-Dwana, a meno che fl-intervall ma jintervenux motivi ta' ċerta gravità li jistgħu jiġġustifikaw kambjament ta' kondotta favur l-erarju u kontra l-kontribwent.*

*Mhux dejjem il-liġijiet tributarji jistgħu jiġu interpretati fuq l-iskorta tar-regoli tad-dritt komun, però meta dina l-interpretazzjoni ssir mill-istess persuna illi trid tapplika l-liġi, allura jidħlu in vigore l-prinċipji tad-dritt komun, illi ma jippermettux lil min ikun ġià ta l-kunsens tiegħu jirreċedi minnu unilateralment, jekk mhux għall-kawżi kontemplati fl-art. 1017 tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-instant importa f'erba' okkażjonijiet differenti, 168, 165, 952, 552 par ladies leather dancing shoes without heels, u peress illi l-istess kienu soġġetti għal rata fissa ta' dazju ta' disa' soldi l-par, u billi l-konvenut nomine esiġa dazju b'rata differenti u superjuri b'mod li ġie esiġa import ta' £189.7.9d. iktar minn daka dovut kif dettaljatament indikat fid-dikjarazzjoni — talab li l-konvenut nomine ikun kundannat jirrifondi lill-instanti s-somma fuq indikata ta' £189.7.9d. rappreżentanti l-ammont ta' dazju żejjed indebitament eżatt mill-konvenut nomine lill-instanti fuq il-partita ta' żraben fuq indikata u kif dettaljatament indikat fid-dikjarazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, kompriżi dawk tal-protest tad-9 ta' Marzu, 1961, oltri l-imgħaxijiet legali fuq l-ammont reklamat.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha jgħid illi ż-żraben in kwistjoni mhumiex klassifikabbli bħala "dancing shoes" u għalhekk ġew dazjati bir-rata speċifikata għal Boots, shoes, sandals, etcetera" fl-iskeda annessa mal-Kapitolu 122 tal-Liġijiet ta' Malta;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li, qabel ma dina l-Qorti tasal għall-likwidazzjoni tal-import ta' dazju restitwibbli lill-attur, tħoss li għandha, f'dina l-materja, kif ġà kellha okkażjonijiet oħra, (ara Sent. P.A. in re "Alf. Anastasi vs. Ant. Camilleri" deċiża fil-15 ta' April, 1964) tirrileva li almenu għall-partiti taż-żraben importati mill-attur u indikati fin-numru 2, 3 u 4 tal-paragrafu preċedenti, il-konvenut nomine, iddipartixxa mill-kriterju minnu adottat oriġinarjament. Infatti żmien wara li kien ġa esiġa dazju fuq klassifika ta' żraben minnu approvata, reġa' eżerċità d-diskrezzjoni tiegħu billi talab dazju addizjonali kalkolat fuq bażi u klassifika ġodda. B'dana l-aġir anki kieku l-attur ried jibqa' akwiexxenti, l-istess konvenut inġenera fih il-motiv li jirreaġixxi għal atteġġjament hekk fluwidu, għaliex ġustament kellu jirritjeni li f'materja fisikali, li ġeneralment hija insindakabbli, ma messux ikun leċitu għall-konvenut li jbiddel mingħajr raġuni serja u fondata, l-interpretazzjoni tal-liġi, a skapitu tal-importatur u, in definitiva, tal-konsumatur lokali.

Li huwa veru li l-liġi fisikali, meta hemm dubju, għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv u letterali (App. "Dr. Carlo Manchè vs. On. Huber, noe" tas-7 ta' Diċ. 1921). Iżda meta dina l-interpretazzjoni ssir awtorevolment minn min huwa tenut japplikaha, mhux aktar il-każ li wieħed għandu jippretendi li dana l-kriterju, la darba aċċettat bil-ħlas tad-dazju, jista' jiġi varjat unilateralment mill-konvenut nomine, jekk fl-intervall ma jintervenux motivi ta' ċerta gravità li jistgħu jiġġustifikaw kambjament ta' kondotta favur l-erarju u kontra l-kontribwent (Kollez. XXVIII, i, 523; XXXIV, i, 4).

Ikkunsidrat:

Li huwa wkoll prinċipju akwiżit, fuq il-bażi tal-insegnamenti meħuda mid-Digest "De exercitoria actione" (Ulpiano, Sez. I, para. 20), li mhux dejjem il-liġijiet tributarji jistgħu jiġu interpretati fuq l-iskorta tar-regola tad-dritt komun, però

meta dina l-interpretazzjoni ssir mill-istess persuna li trid tapplika l-liġi, allura jidħlu in vigore l-prinċipji tad-dritt komuni, li ma jippermettux lil min ikun ġà ta l-kunsens tiegħu jirreċedi minnu unilateralment, jekk mhux għall-kawżi kontemplati fl-art. 1017 tal-Kodiċi Ċivili.

Ikkunsidrat:

Li mhux il-każ li jingħad li l-konvenut nomine impona dazju addizzjonali, għaliex kien ħa żball. Anqas huwa ma tħajjar jakkampa dina l-motivazzjoni, infatti, l-iżball jekk jeżisti, kien fil-kriterju tal-klassifika taż-żraben dazjabbli, u mhux dwar konteġġi jew ċirkostanzi oħra li setgħu jinfluwixxu inċidentalment fuq kalkolu matematiku skorrett jew fuq l-identità tal-kontribwent. Appuntu l-oġġett ta' dina l-kawża huwa ċirkoskritt għal eżami, jekk ċioè l-iżball tal-konvenut fil-klassifika taż-żraben jintitolahx jesiġi d-dazju li effettivament inkassa, a bażi tal-liġi li tirregola d-dazju dwar it-tipi ta' żraben prodotti quddiem dina l-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi dina l-kwistjoni tad-dazju għar-rigward ta' ċerti tipi ta' żraben, qegħda tkun ta' spiss oġġett ta' interpretazzjoni f'kawżi li qegħdin jiġu introdotti quddiem dawna l-Qrati. Huwa ta' min jirrileva li s-soluzzjoni ta' kull waħda minn dawna l-kwistjonijiet hija dejjem relativa għaliex tiddipendi mill-aġġornament o meno tal-liġi fiskali li tirregolaha. Issa, minn xi żmien 'il hawn inħolqu fuq is-suq mudelli ta' żraben konfaċenti mal-moda adottata mix-xebbiet biex jistgħu jkunu aktar disinvolti kemm fl-andatura tagħhom fit-triq, kif ukoll fil-passatempi soċjali tagħhom, li ġeneralment jirrisolvu ruħhom fiż-żfin.

Għalhekk il-linja ta' demarkazzjoni ta' kull tip ta' żarbun

għandha tkun dik tad-destinazzjoni prinċipali tiegħu, u kif ġustament irritjena l-perit ġudizzjarju, wieħed m'għandux joqgħod jagħti każ tal- użu sporadiku tal-ħaġa, iżda dak li komunement isir minnha. Issa t-tip taż-żraben indikati fil-fols. 5/6; 7/8/9; 13/14/15; jidher li prinċipalment qegħdin jiġu adibiti għaż-żfin. Anke l-għamla tagħhom, tagħti idea li tant ma immanufatturahom kif ukoll min jilbishom, irid jirrendi aktar spedit u faċli l-moviment ta' saqajh, b'mod speċjali, f'dawk li huma l-ondulazzjonijiet, l-istrixxatura l-inkurvazzjonijiet u l-posa f'ċerti tipi ta' żfin modern, li ma jippermettux lil ballerin li jista' jagħmlu b'inqas sforz, jekk ma jkunx liebes dak it-tip ta' żraben, li jiffaċilitaw, mingħajr spostamenti mill-art, is-sinuosità kull tant anki vertiġinusa, tal-persuna u b'mod partikolari tal-arti inferjuri.

Għal dawna l-konsiderazzjonijiet ta' karattru modern u imprevist il-leġislatur ma setax ħaseb li jista' jimponi dazju, kif għamel, billi l-klassifikazzjoni taż-żraben minnu elenkata u prevista, ma setgħetx tikkomprendi wkoll dawk it-tipi ta' żraben, li kienu l-prodott ta' ċerta tendenzi esoliċi tax-xebbiet tagħna importati f'Malta, fil-perijodu konfuż u reazzjonarju ta' wara l-aħħar gwerra. Però, la darba l-liġi tikkontempla d-dazju, għal "dancing shoes without heels" dana huwa l-każ, li t-tipi ta' żraben fuq indikati, jiġu klassifikati bħala tali, għalkemm forsi l-leġislatur meta għamel il-liġi, kellu f'rasu tipi ta' żraben użati għaż-żfin klassiku u teatrali.

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti, wara li eżaminat il-provi u d-dokumenti esibiti, waslet għall-konklużjoni fuq l-iskorta tar-riżultanzi peritali li l-konvenut nomine ma kienx ġustifikat li jesiġi dazju ieħor, jekk mhux dak ta' disa' soldi (-/9d.) il-par għaż-żraben klassifikati mill-perit tekniku, bħala dancing shoes, indikati fil-fols. 5/6, 7/8/9, 13/14/15, u għalhekk l-attur huwa

intitolat għar-rifusjoni tad-dazju eċċessiv li huwa ħallas fuq l-imsemmija partiti ta' żraben, ekwivalenti għall-import kompless iv ta' £94.7.4d.

*Inoltri dina l-Qorti taqbel ukoll mal-konklużjoni* peritali fejn ġie dikjarat li l-merkanzija indikata fil-fols. 10/11/12 tal-proċess ġiet korrettament dazjata bħala "leather shoes", u li għalhekk fuq dina l-partita mhix dovuta ebda rifusjoni ta' dazju lill-attur.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' erbgħa u disgħin lira, seba' xelini u erba' soldi (£94.7.4d.); u l-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-kontendenti nofs kull wieħed.